L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
L-EWWEL SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	I
DATA:	10 ta' Mejju 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

Il-Lingwa u l-Lingwistika

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.

1. Għalkemm mhix xi sistema perfetta, id-demokrazija titqies bħala l-aħjar forma ta' governanza. Is-suċċess tal-proċess demokratiku jiddependi minn kemm l-elettorat ikun edukat biex jipparteċipa b'mod attiv u jaħseb b'moħħu qabel jiddeċiedi, imma l-mezzi dejjem aktar sofistikati li bihom tasallu l-propaganda ma jagħmlulux il-ħajja faċli. Iddiskuti.

JEW

2. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol saru jingħataw iktar prominenza imma d-diżgrazzji għadhom iseħħu, minbarra inċidenti oħra li ma nisimgħux bihom. X'hemm bżonn isir biex saħħet il-ħaddiema titħares aħjar? Iddiskuti.

JEW

3. Minkejja li l-prattika reliġjuża naqset, il-festi Maltin ma naqqsu xejn mill-popolarità tagħhom, tant li sentejn ilu l-festa Maltija ġiet iddikjarata Wirt Intanġibbli tal-Umanità. X'jagħmel il-festi daqshekk popolari? Fiex jikkonsisti l-kontribut soċjali u kulturali tagħhom? Taqbel ma' dawk li jgħidu li l-festi jagħtu lok għall-esaġerazzjoni u li ma fadlilhomx kontroll? Iddiskuti.

JEW

4. L-infiq bla rażan fuq l-armamenti huwa waħda mill-ikbar inġustizzji ta' żmienna. Imma l-bniedem iktar donnu lest jinvesti fil-qerda tiegħu nnifsu milli fil-qerda tal-ġuħ, tal-faqar u tal-inugwaljanza. Xi jwassal għal dawn l-għażliet politiċi u morali? Hemm tama li xi darba ninqalgħu minn dan iċ-ċirku vizzjuż? Iddiskuti.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA B: IL-QARI

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Il-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ġejjin minn attitudnijiet u ideat miżrugħa f'moħħ in-nies, ideat dwar min għandu l-poter u min m'għandux, dwar min jikkmanda u min għandu jobdi f'relazzjoni. Dawn uritniehom mingħand ta' qabilna, li tgħallmuhom mingħand min kellu l-poter jinfluwenzahom. Lin-nisa nessewhom li ħadd ma kellu dritt jgħidilhom x'jaħsbu u x'jagħmlu b'ħajjithom, u l-kapaċitajiet tagħhom lil hinn mid-dar ġew injorati. Fost l-oħrajn, inħolqu kategoriji għan-nisa: dawk bil-għaqal u dawk le, dawk tajbin u dawk ħżiena… dejjem dellhom tqil, dejjem iġġudikati. (par. 1)

Dawn l-ideoloġiji inġusti tant infiltraw tajjeb tul is-sekli li għadhom attivi sal-lum u bħala poplu qed inħallsu l-prezz, għax fil-verità għadna kkolonizzati minn poter ieħor li jassarna: il-kultura patrijarkali. Dan il-kolonizzatur sieket għadu ħaj fostna, miżrugħ fl-imħuħ u fil-konoxxenza ta' poplu li għadu jqis it-tfajliet u n-nisa inqas mill-irġiel, b'modi sottili u inqas sottili wkoll. (par. 2)

F'dinja ideali ma jkunx hawn diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru. Ikun hawn biss bnedmin, differenti, uniċi u sbieħ kif inhuma, jgħixu kif jixtiequ u kif jafu. Iżda l-kilba għall-poter ideoloġiku tul iż-żminijiet kien jaqblilha tifred biex issaltan. (par. 3)

Iċ-ċavetta għal soċjetà iktar ġusta u ugwali hija l-edukazzjoni f'sens wiesa': fl-iskejjel, fil-postijiet tax-xogħol, kif ukoll fil-forom kollha tal-midja tal-massa. Għalkemm ngħidu li l-iskejjel jedukaw lit-tfal, hija l-familja li tiffurmahom l-ewwel. Għalhekk jeħtieġ li nagħtu attenzjoni u kura dejjem ikbar lill-familja, il-benniena tas-soċjetà, u nedukaw lill-ġenituri f'kull rokna tal-ħajja b'mod iktar iffukat fuq it-trobbija tajba li, fost affarijiet oħra, ma tiddiskriminax bejn il-ġeneri. Hija sfida kbira għalina lkoll li naħdmu qatigħ fl-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, u li ninvestu f'kampanji ta' tixrid ta' għarfien biex inġibu bidla fl-attitudnijiet tan-nies, biex imbagħad uliedna jaraw il-kuntrarju fuq il-midja socjali u fil-kultura popolari li huma esposti għaliha kullimkien. Qatt iktar mil-lum ma kien hawn daqshekk il-bżonn li niffukaw fuq il-ħiliet l-aktar meħtieġa f'ħajjitna, kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar! (par. 4)

Huwa fatt li fl-edukazzjoni sar ħafna xogħol u għadu qed isir, u qed narawha d-differenza, iżda ż-żminijiet qed juruna li l-prijorità assoluta għandha tkun l-edukazzjoni tal-qalb u tat-tama, biex nikkwota lill-filosfu Paulo Freire. Għal dinja u soċjetà iktar ekwa u ġusta, fil-programmi skolastiċi għandu jkun hemm enfasi ikbar fuq l-imħabba u fuq id-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem. Eżami formali ma jistax ikejjel jew japprezza attributi essenzjali, bħalma huma l-kreattività, it-tenaċità u t-tjubija tal-persuna. Minkejja dan, dawn il-kwalitajiet jiswew mitqilhom deheb għall-ekonomija, biex nirrifletti d-diskors dominanti kontemporanju dwar l-edukazzjoni! (par. 5)

Id-dinja tant qed tinbidel bl-għaġla li dak li jiġi mgħallem fl-iskejjel illum mhux se jibqa' rilevanti ħames jew għaxar snin oħra. F'realtà bħal din, irridu nedukaw lil uliedna kif ikunu flessibbli u kunfidenti, jissieltu għal dak li hu sewwa, ma jibżgħux jiżbaljaw, u jippruvaw mill-ġdid meta ma jirnexxux. Ħadd ma jista' jiffunzjona fi professjoni jew karriera u jikkontribwixxi bħala ċittadin lejn is-soċjetà mingħajr ma jkun kunfidenti fih innifsu u mingħajr ma jikkomunika tajjeb man-nies u jittrattahom bir-rispett. Ir-relazzjonijiet sani bejnietna u magħna nfusna huma l-qofol ta' kollox u investiment importanti ħafna fil-prevenzjoni tal-vjolenza u tal-abbuż fl-isferi kollha ta' ħajjitna. (par. 6)

Ir-riċerka turi li numru sostanzjali ta' tfal Maltin ma jkollhomx il-vokabolarju biex jifhmu r-relazzjonijiet u l-emozzjonijiet u jiddiskutuhom. Imbagħad nistaqsu: "Imma minn fejn tiġi

l-vjolenza domestika? Minn fejn ġejja din il-mibegħda, din ir-rabja kollha kontra ċerti persuni – saħansitra kontra dawk li suppost inħobbu? Għaliex il-femminiċidju?" (par. 7)

Dawn huma affarijiet sistemiċi, u allura kumplessi, u jirrikjedu soluzzjonijiet intenzjonati u studjati li jqisu l-għeruq tal-affarijiet. Irridu nibdew billi nisimgħu lil min hu mġarrab. Nisimgħu l-istejjer tan-nies. Nieħdu ħsieb il-ġuvintur tagħna li, minħabba l-ideoloġija patrijarkali li ċċaħħadhom minn nofs l-umanità tagħhom, jiġu mrawma li dejjem iridu jkunu b'saħħithom, dominanti u mingħajr emozzjoni, inkella ma jkunux irġiel. Nisimgħu b'attenzjoni u nemmnu lin-nisa u lit-tfajliet meta jagħmlu l-qalb u jafdawna bl-istejjer tagħhom ta' abbuż u vjolenza. Hemm bżonn insaħħu u nirfinaw iktar is-sistemi protettivi kollha għad-dispożizzjoni tagħna. Sar u qed isir ħafna progress, grazzi għal persuni sodi, għorrief u ddedikati għall-ġustizzja soċjali. Iżda baqgħalna ħafna x'nagħmlu. (par. 8)

(Addattata mill-artiklu "Il-vjolenza domestika, l-abbuż abbażi tal-ġeneru u r-rwol tal-edukazzjoni għall-bidla kulturali" ta' Audrey Friggieri, li deher fis-sit illum.com.mt fid-9 ta' Marzu 2023.)

Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ġejja:
   a. mid-drawwiet kolonjali.
   b. mill-isterjotipi.
   ċ. mill-fehmiet li għaddewlna meta konna żgħar.
   d. mill-fatt li kulħadd iħobb jikkmanda.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. L-espressjoni **dellhom tqil** fis-sentenza: "Fost l-oħrajn, inħolqu kategoriji għan-nisa: dawk bil-għaqal u dawk le, dawk tajbin u dawk ħżiena … dejjem dellhom tqil, dejjem iġġudikati." (par. 1) tfisser:
      i. ħajjithom diffiċli
      ii. jgħidu bihom
      iii. beżgħana
      iv. ma jsibux kenn

   b. Il-kelma **kilba** fis-sentenza: "Iżda l-kilba għall-poter ideoloġiku tul iż-żminijiet kien jaqblilha tifred biex issaltan." (par. 3) tfisser:
      i. mibegħda
      ii. ħajra
      iii. ġibda qawwija
      iv. tentazzjoni sottili

   ċ. L-espressjoni idjomatika **jiswew mitqilhom deheb** fis-sentenza: "Minkejja dan, dawn il-kwalitajiet jiswew mitqilhom deheb għall-ekonomija, biex nirrifletti d-diskors dominanti kontemporanju dwar l-edukazzjoni!" (par. 5) tfisser:
      i. jissarrfu fi flus
      ii. kulħadd ifittixhom
      iii. huma imprezzabbli
      iv. jixhdu qalb tad-deheb

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

d. Il-kelma **tenaċità** fis-sentenza: "Eżami formali ma jistax ikejjel jew japprezza attributi essenzjali, bħalma huma l-kreattività, it-tenaċità u t-tjubija tal-persuna." (par. 5) tfisser:
   i. determinazzjoni
   ii. oriġinalità tal-ħsieb
   iii. attitudni diretta
   iv. qlubija

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** dwar kif l-edukazzjoni hija l-aqwa arma biex negħlbu l-mentalità patrijarkali. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** fatturi mis-silta li taħseb li jistgħu jkunu ta' sfida għall-edukaturi fil-ġlieda tagħhom kontra l-vjolenza domestika u dik abbażi tal-ġeneru. (3)

5. Fis-silta jingħad li "l-prijorità assoluta għandha tkun l-edukazzjoni tal-qalb u tat-tama" (par. 5). Sib **ŻEWĠ** eżempji li ssemmi l-awtriċi kif dan jista' jiġi applikat u ssuġġerixxi kif jista' jsir realtà. (3)

6. Fl-aħħar paragrafu, l-awtriċi ssostni li "Sar u qed isir ħafna progress […] Iżda baqgħalna ħafna x'nagħmlu." Għid jekk dan jirriflettix l-argumenti li ssemmi fl-artiklu u agħti r-raġunijiet tiegħek. (3)

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.

1. Uri kif l-iponimija, l-iperonimija u l-antonimija jikkontribwixxu għall-għarfien tar-relazzjonijiet semantiċi fil-qasam lessikali. Saħħaħ l-argumenti tiegħek b'eżempji minn reġistri differenti. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

JEW

2. L-omonimi u s-sinonimi huma komuni ħafna fil-lingwa imma mhux dejjem tista' tagħmel distinzjoni netta bejniethom. Agħti raġunijiet għala fil-Malti nsibu bosta minnhom, u uri kif nistgħu niddistingwu bejniethom. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
L-EWWEL SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	II
DATA:	10 ta' Mejju 2025
ĦIN:	mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m.

LETTERATURA (A)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. F'għadd ta' poeżiji ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, hemm ix-xewqa tal-poeta li jfakkar persuna jew avveniment importanti għalih. Iddiskuti.

JEW

2. L-identità ta' min qed jiġi indirizzat spiss hija ambigwa jew tibqa' mhix magħrufa fix-xogħlijiet li nsibu fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*. X'effetti tħalli din it-tendenza fuq it-temi u t-ton tal-poeżiji u fuq l-esperjenza tal-qari?

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea, il-qarrejja jiltaqgħu ma' iżjed minn vuċi waħda. Iddiskuti b'referenza għal uħud mix-xogħlijiet u billi tirrifletti fuq l-effetti ta' din il-multipliċità.

JEW

2. Fil-poeżiji ta' Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna*, spiss insibu xbihat kuntrastanti. Iddiskuti x'effetti jħallu dawn ir-rabtiet fuq it-temi u l-profondità emottiva tal-poeżiji.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA

Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.

F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.

(i)

Vera ħarset lejn oħtha fil-mera. Lejn it-tikmix li kien jikxef il-fatt li kienet avvanzata fiż-żmien imma fl-istess ħin jaħbi l-età preċiża tagħha. X'aktarx li kellha fuq it-tmenin sena sew, forsi saħansitra fuq id-disgħin. Għajnejha kienu għadhom jaħdmu tajjeb, bħas-sensi l-oħra tagħha. Iffukat fuq punt partikolari fil-ġenb ta' wiċċha. Għal xi raġuni, waqt li qed timraħ f'dak id-deżert ta' wiċċha, iż-żona b'dawk l-għoljiet u l-widien mimlijin għerien mudlama u sigrieti affaxxinatha iktar minn bnadi oħra. Poġġiet żewġt iswaba' hemm u mellset il-ġilda bi ħlewwa liema bħalha. Imbagħad ġebbditha ftit lil hawn u lil hinn f'ċaqliqa li ġiegħlet dawk l-inħawi jibdlu surithom bosta drabi f'temp ta' ftit sekondi. Dawk l-għoljiet ta' ramel aħrax tmewġu naħa u mbagħad oħra. Il-mappa ta' wiċċha bdiet tilgħab logħba mqanqla fejn kull tikmixa kienet tiltaqa' ma' tikmix ieħor, iserrpu u jduru u jinbarmu flimkien sa ma jwelldu iktar tikmix, passaġġi profondi, fissuri kumplessi, mogħdijiet u sqaqien bla tarf.

Tbissmet. Faqqgħet daħqa. Id-daħqa kienet xotta daqs il-ġilda. "Xjaħt, Virginia!" qalet lil oħtha fil-mera. "Xjaħt int u miegħek xjaħt jien ukoll." Lil oħtha t-tewmija kienet ilha ma taraha għexieren ta' snin, minn meta Virginia kienet iżżewġet baħri Ingliż li ħadha miegħu f'pajjiżu.

"X'jiġifieri ma tridnix niżżewweġ?" kienet ipprotestat dak iż-żmien Virginia, li kienet iż-żgħira b'nofs siegħa.

"Ma rridekx titlaq."

"Anki int imissek titlaq! Irridu nitilqu kollha għax din id-dar—." Imma Virginia ma kinitx kompliet. Kienet ħarset madwarha mbeżżgħa. "M'intix tinduna kif—? Kif hawn ġew se nispiċċaw niqdiemu. Li jekk nibqgħu fid-dar se nitmermru magħha?"

"Kollox jitmermer. Kollha se nispiċċaw. Imma għall-inqas mhux se mmur naqsam dak li hu tiegħi—li hu tagħna—ma' ħaddieħor."

Virginia kienet ħaditha kontriha qatta bla ħabel. Insistiet li d-demm li nitwieldu bih qatt ma jkun tagħna. Ikunu silfuhulna l-ġenituri li ssellfuh mill-ġenituri u n-nanniet tagħhom. Aħna għandna d-dmir li nġorruh għal perjodu ta' żmien u mbagħad ngħadduh lil uliedna. Iżda hi ma kinetx qablet ma' din it-teorija. Għalxejn saħqet magħha Virginia li din mhux teorija iżda fatt tal-ħajja. Il-ħajja—il-qalb li tħabbat mill-ewwel mument sal-mewt—kienet tagħna biss għal tebqa t'għajn. Irridu ngħadduha lil ta' warajna biex huma jgħadduha lil ta' warajhom f'ċiklu li jrid jirrepeti għal dejjem. "Demmna rridu ngħadduh lil ta' warajna u mhux inħalluh imut magħna."

"Imma jien ma rridx!" kienet għajtet Vera f'wiċċ oħtha. "Jien ma rridx li jkolli t-tfal u nagħtihom dak li hu tiegħi."

(Mix-xogħol ta' Simon Bartolo, "Qamar Aħmar" f'*Aphroconfuso: Antoloġija 1*)

JEW

(ii)

"Temp ikrah illum." Is-sema tqil, l-art għasra, il-bjut battala. Ili ma noħroġ. Fil-mera, wiċċi musfar u xagħri mitluq. Bl-istess flokk dawn l-aħħar jumejn u qalziet wiesa' tal-piġama. Intella' u nniżżel nixrifx mill-għatba 'l barra — nieħu naqra arja friska, inbiddel ftit, inderri. Iżda dawn l-erba' ħitan wisq kennija. Lil hinn mill-maltemp, miċ-ċiera tan-nies u mir-rutina tax-xogħol, nagħżel li nestendi dan l-irtir domestiku. Hawn ġew ma jonqosni xejn: fadal xi bottijiet ikel fil-cupboard, jitħaddtu miegħi n-nies tat-televixin, u jżiegħel bija l-friex kbir u sħun. Negħreq ġo fih bħal f'baħar artab li minnu ma nitlax. Hekk jew b'hekk, temp ikrah illum.

* * *

Malli l-pjanu waqaf idoqq, infexxet iċċapċap. Mhux dejjem kienet tkun ħerqana, imma kull farka kultura f'dak il-bini burokratiku kienet tilgħaqha bħal kelb imġewwaħ. Mario, kollega qargħi u qed joqrob l-erbgħin, kien daqq valz ħelu f'din l-attività letterarja fl-okkażjoni tal-presidenza Rumena. Fil-ħila professjonali fqira tiegħu, fl-għażla antikwata ta' ħwejġu mdennsin u fil-kumpanija banali li kien ifittex, Mario ma kien jimpressjonaha xejn, pjuttost idejjaqha. Iżda dakinhar paxxieha bil-kontribut mużikali tiegħu, biex ma ngħidux ħallieha ftit mistagħġba. Dawk in-noti ħelwin u żeffiena rathom bħal oażi f'dak id-deżert xott ta' uffiċċji griżi u bla ruħ, kull wieħed mimli b'xi impjegat nofsu mejjet.

Kienet ilha snin twal taħdem il-Kumitat. Tnax-il sena ilu, dehrilha li kienet idea tajba li taħrab minn pajjiżha ċkejken u magħluq biex tiskopri l-ħajja f'belt Ewropea. Minkejja xi dubju u qtigħ il-qalb, irnexxielha tirkeb ajruplan bi ħwejjiġha f'bagalja u ssib kamra x'tikri fi Brussell. Bilkemm qatt ma kienet semgħet b'din il-belt; ma kinitx taf x'lingwa jitkellmu; s'issa kienet dejjem għexet m'ommha u missierha fir-raħal fejn twieldet fuq waħda mill-iċken gżejjer tad-dinja. Meta l-iskola kienu jistudjaw il-ġeografija, gżiritha lanqas biss kienet taraha fuq il-mappa. Nitfa ta' ġebla, tgħum f'nofs ta' baħar. Kienet tħossha kuntenta li Malta bilkemm tidher fuq il-mappa tad-dinja, bħallikieku kienet xi gżira tal-ħrejjef mistura mir-realtà. Tiftakar kif l-iskola kien ikollhom jimmarkawha bil-lapes eżatt taħt Sqallija fuq il-mappa. Bilkemm tintlemaħ, bilkemm teżisti.

Iżda issa, wara tant snin 'il bogħod, kienet bdiet tifhem li kulħadd jixxiebah fl-aħħar mill-aħħar. Setgħet tikkonferma li mhux il-Maltin biss kellhom dik il-ħila speċjali tal-medjokrità. Anzi, għarfet li spiss ħutha l-Maltin kellhom ħila u rieda iktar qawwija minn pajjiżi ikbar li ġieli jkollhom kunfidenza żejda. U b'hekk ċapċpet b'iktar ħerqa lil seħibha Mario, li tal-inqas kien qed ilewwen lil dawn l-erba' ċċassati. Ċapċpet sa ma jdejha bdew jaħarquha għax, fl-aħħar, f'did-dinja, tibda tassew tapprezza lil kulħadd.

(Mix-xogħol ta' Miriam Galea, "Lejl u Nhar" f'*Aphroconfuso: Antoloġija 1*)

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
L-EWWEL SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	III
DATA:	12 ta' Mejju 2025
ĦIN:	mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m.

LETTERATURA (B)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IR-RUMANZ

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Iddiskuti l-karattri nisa f'*Ħelsien*, b'referenza għar-rwol tagħhom fl-iżvilupp tal-ġrajja u t-temi ewlenin tar-rumanz.

JEW

2. *Ħelsien* sikwit jiġi deskritt bħala rumanz sentimentali u psikoloġiku. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji min-nisġa tar-rumanz u l-iżvilupp tal-ġrajja tal-karattri.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IN-NOVELLI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-karattru u l-ambjent Malti jispikkaw f'*Xemgħat*. Uri dan b'eżempji.

JEW

2. F'*Xemgħat* insibu stejjer li huma realistiċi iżda li jinbidlu f'daqqa minħabba ġrajja bħallikieku maġika jew sopranaturali. Uri b'eżempji kif l-awtur jirnexxilu joħloq u jagħlaq storja bis-saħħa ta' dawn l-elementi.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. *Karnival* iseħħ waqt festa fejn suppost kulħadd qed jieħu gost u għal ftit jgħix ħajja differenti, imma din il-festa hija l-ispunt minn fejn joħorġu riflessjonijiet oħra dwar il-ħajja tal-bniedem. Iddiskuti b'referenza għall-karattri u l-iżvilupp tad-dramm.

JEW

2. F'*Karnival* tinħass ossessjoni bl-imgħoddi u reżistenza għall-ġdid. Iddiskuti din l-istqarrija b'referenza għaż-**ŻEWĠ** settijiet ta' karattri u għall-ambjentazzjoni partikolari tad-dramm.

(Total: 20 marka)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.